## 15 ta' Ġunju, 1955

Imħallef:
Onor. Dr. J. Caruana Colombo, B.Litt., LL.D.

Domenica Abela ne. *versus* Saverino Abela

**Separazzjoni Personali — Awtorizzazzjoni tal-Qorti Digriet tas-Sekond'Awla — Nullità — Impunjazzjoni — Azzjoni jew Eċċezzjoni — Soprassessjoni — Ċitazzjoni — Mandat — Dokumenti — Riferenza**

*Min jistitwixxi kawża ta' separazzjoni personali f'isem u bħala mandatarju ta' persuna assenti ma għandux bżonn jeżibixxi maċ-ċitazzjoni l-prokura li tawtorizzah jagħmel dik il-kawża, jekk huwa, fin-nota tad-dokumenti li jippreżenta maċ-ċitazzjoni, jagħmel riferenza għal dik il-prokura li tinsab inserita fl-atti tar-rikors li bih huwa ottjena l-awtorizzazzjoni tas-Sekond'Awla biex jagħmel dik il-kawża.*

*Il-kontroparti, jekk tkun trid timpunja bħala invalida dik l-awtorizzazzjoni għax mhix konformi mal-ispiritu u l-iskop tal-liġi li tassoġġetta l-propożizzjoni ta' kawża għas-separazzjoni personali għall-otteniment tal-awtorizzazzjoni tal-Qorti ta' Ġurisdizzjoni Volontarja biex tista' ssir dik il-kawża, ma tistax iġġib il-quddiem din l-impunjattiva permezz ta' eċċezzjoni fil-kawża tas-separazzjoni, imma għandha tiddeduċi dik il-pretiża nullità quddiem il-Qorti kompetenti b'azzjoni "ad hoc" f'ġudizzju separat. Jekk il-kontroparti tissolleva b'eċċezzjoni dik in-nullità, il-Qorti tissoprassjedi fil-kawża tas-separazzjoni, u tagħti lill-kontroparti*

*jmien biex jekk jidhrilha, tiddeduċi quddiem il-Qorti kompetenti l-azzjoni meħtieġa għad-dikjarazzjoni tan-nullità tad-digriet impunjat.*

Il-Qorti:— Rat l-att taċ-ċitazzjoni li bih l-attur, fil-kwalità tiegħu fuq imsemmija, wara li jippremetti illi l-konvenuta insistentement irrifjutat għal sentejn sħaħ li tmur ma' l-imsemmi żewġha, li emigra u stabbilixxa ruħu f'Detroit, l-Amerika; jitlob illi, premessi d-dikjarazzjonijiet meħtieġa u mogħtija l-provvedimenti neċessarji, (1) tiġi dikjarata s-separazzjoni personali bejn il-konvenuta u l-imsemmi John Abela; (2) il-konvenuta tiġi dikjarata dekaduta mid-drittijiet kontemplati fl-art. 56 tal-Kodiċi Ċivili, in kwantu applikabbli għall-każ; (3) il-kura ta' l-unika tifla komuni Grazja tiġi affidata lilu fl-imsemmija kwalità tiegħu, taħt dawk il-provvedimenti li din il-Qorti jidhrilha tagħti; (4) il-komunjoni ta' l-akkwisti bejn il-kontendenti tiġi dikjarata li spiċċat. Bl-ispejjeż. Il-konvenuta ġiet inġunta biex tidher għas-subizzjoni;

*Omissis;*

Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet tal-konvenuta, li biha tesponi illi, qabel xejn, l-attur messu eżibixxa l-prokura biex juri lil dina il-Qorti għandux il-fakoltà li jidher fil-ġudizzju għan-nom tal-mandant tiegħu; illi, sekondarjament, l-attur ma jistax jistitwixxi din il-kawża, għaliex l-awtorizzazzjoni ottenuta mis-Sekond'Awla mhix valida, billi l-ispiritu u l-iskop ta' l-art. 43 tal-Kodiċi Ċivili jissuġġerixxu illi l-komparazzjoni, għall-fini tar-rikonċiljazzjoni, għandha ssir mill-miżżewġin personalment; illi fil-meritu, u mingħajr preġudizzju ta' l-eċċezzjoni premessa, l-attur mhux intitolat jitlob is-separazzjoni, billi hi ma tatx lok għaliha; u fi kwalunkwe każ żewġha hu indenn illi jitlobha, billi jinsab ħati ta' adulterju, minaċċi, servizji, eċċessi u ngurrji gravi. B'riżerva ta' eċċezzjonijiet oħra;

*Omissis;*

Ikkunsidrat, dwar l-ewwel eċċezzjoni tal-konvenuta;

Illi din l-eċċezzjoni mhix sostenibbli. L-attur ma kienx fl-obligu li jipproduċi l-prokura msemmija mill-konvenuta, ladarba huwa, fin-nota tad-dokumenti li pproduċa ma'

l-att taċ-ċitazzjoni, għamel riferenza għaliha (fol. 3 tergo), billi tinsab eżibita bħala dokument "A" ma' l-atti tar-rikors dekretat mis-Sekond'Awla ta' din il-Qorti fl-24 ta' Lulju 1954 (digriet numru 921/1954) — digriet li bih l-attur ġie awtorizzat *jipproċedi, quddiem dina l-Qorti għas-separazzjoni* personali ta' ibnu mill-konvenuta martu. Mill-istess prokura jirriżulta illi l-attur jinsab debitament nominat mandatarju ġenerali ta' ibnu John Abela, u ġiet lilu mogħtija l-fakoltà, fost oħrajn, li jistitwixxi kawżi, u kwindi anki din il-kawża;

Ikkunsidrat, rigward it-tieni eċċezzjoni;

Illi b'dina l-eċċezzjoni l-konvenuta qegħdha timpunja bħala invalida l-awtorizzazzjoni mogħtija lill-attur mis-Sekond'Awla ta' dina l-Qorti bid-digriet fuq imsemmi. Imma dina l-pretiża nullità ta' dak id-digriet, in kwantu illi bih giet mogħtija l-imsemmija awtorizzazzjoni lill-attur, il-konvenuta ma tistax iġġibha l-quddiem f'din il-kawża per mezz ta' eċċezzjoni, imma biss b'azzjoni "ad hoc" f'ġudizzju separat. Tabilħaqq, sakemm ma jiġix, talvolta, dikjarat illi dik l-awtorizzazzjoni hija invalida, l-attur jibqa' kunsidrat debitament awtorizzat biex jagħmel din il-kawża;

Għal dawn ir-raġunijiet;

Tirrespingi l-ewwel eċċezzjoni tal-konvenuta, bl-ispejjeż kontra tagħha; u għall-finijiet tat-tieni eċċezzjoni tordna s-soprassessjoni f'din il-kawża, u tagħti lill-konvenuta ħmistax il-ġurnata żmien biex fih, jekk tidhrilha, tiddeduċi quddiem il-Qorti kompetenti l-azzjoni meħtieġa għad-dikjarazzjoni *tan-nullità ta' l-imsemmi digriet kif pretiż* minnha. Għalhekk tiddifferixxi l-kawża "sine die", riappuntabbli b'rikors ta' l-interessati, wara illi jgħaddi inutilment it-terminu fuq prefiss, jew wara d-definizzjoni tal-kawża li tiġi proposta;

Spejjeż riżervati.